# Il-Mastru tal-Pupazzi

Rita Saliba

Tgħid tiġi llum? Il-Mastru melles xagħar Kika nnukklat u llixxalha ftit id-dublett roża. Messilha wiċċha u għarxilha kemm kemm imneħirha. Imbagħad refa' lil Rinu mill-qiegħ tal-kaxxa. Farfarlu ftit it-trab minn fuq wiċċu u pittirlu l-wardiet għax taħt il-pupazzi l-oħra kienu nbarxu xi ftit.

Tgħid x'tilbes illum? Roża? Kull meta jagħmel wirja b'Kika, kien jaraha hemm quddiemu: tifla ta' xi ħames snin; ma kienx fiha aktar minn metru. Bajda karti b'par għajnejn fil-ħofra. Donnhom ma jitimgħuhiex tajjeb, nieqsa minn xi vitamini imma ħwejjiġha jqumu l-flus. U dejjem tiġi liebsa lbies tal-istess kulur ta' Kika. U għajnejha kienu jissammru fuq il-pupazzi. Dawk l-għajnejn ħodor skuri, le, griżi, jew griżi jagħtu fl-aħdar. Ma setax jgħid minn wara l-purtiera skura. Imma xorta kienet tidher pallida. U qatt ma raha ċċapċap jew tidħak bħat-tfal l-oħra. Xtaq idaħħakha. Kien jagħmel sforz l-aktar meta Rinu kien jaqla' xi xebgħa u jisma' t-tfal l-oħra jogħxew u jwerżqu. Imma minn hemm taħt, wara l-purtiera, xorta kienet tidher tibqa' serja.

Għall-ewwel kien jitħassarha. Imma meta beda jagħti aktar wirjiet u jbiddel il-ħwejjeġ ta' Kika aktar spiss u dejjem jaraha tiġi liebsa bħalha kienet tqabbdu l-bard. Darba ddeċieda li lil Kika jlibbisha kostum tal-karnival, għalkemm ma kienx żmienu. U hi reġgħet kienet hemm liebsa ħwejjeġ jixbhu lil ta' Kika b'maskra tgħattilha nofs wiċċha. It-tfal l-oħra donnhom qatt ma taw kas li qiegħda hemm, fil-folla magħhom. Dakinhar kienet tispikka f'dak il-kostum. Tgħid xi ħadd kien

raha liebsa ħwejjeġ mhux ta' żmienhom? Imma le, erħilhom jidħku u jċapċpu u jsejħu isem il-pupazzi. Għajnejha jkanġu kienu jinfdu l-purtiera sewda li kienet qed tifirdu minnha. U malli ħareġ lil Rinu jisma' l-ilħna tat-tfal iwerżqu. Riduh jaqla' aktar daqqiet ħalli jidħku iżjed. X'ma jinbaraxx. Imma hi baqgħet ma ċċaqalqitx, għajnejha jitberrqu f'rabja siekta. Il-mastru ried li jispiċċa l-ispettaklu ma jdumx. Kien sar tortura hawn. Dalwaqt, ħaseb. Jagħmel l-aħħar ftit wirjiet hawn u jitlaq xi mkien ieħor. Jirrepeti l-istess teatrin. Battuti skaduti imma li jdaħħku. Imma mhux hawn. Xi post ġdid fejn ma jarahiex aktar.

Għaddielu ħsieb li jista' jkun kienet l-għeja. Kif tista' naqra ta' tifla tfixklu daqshekk? Forsi kien qed jiffissa li qed jaraha liebsa l-istess ħwejjeġ minn wara dik il-purtiera skura. Issa kien qed jikber u l-vista ma setax jafdaha aktar. Imma għajnejha ma seta' qatt jaħrabhom. U f'daqqa waħda ftakar: hekk ukoll kienu għajnejn it-tfajla żmien ilu. Dik li ġiet ħdejh meta kien fi btala ma' sħabu Ruma. Kien ilu ħbieb ma' Karl u Marius minn żmien l-iskola. Damu joħorġu flimkien wara li għaddew mill-eżamijiet u bdew jaħdmu u din il-vaganza kien ilhom jippjanawha. Kienet l-aħħar darba li raw 'il xulxin it-tlett iħbieb. Donnhom in-nies la jikbru jitgerrxu minn xulxin, ġieli ħaseb.

Reġa' raha quddiem għajnejh riesqa lejhom. Xagħarha nnukklat jagħti fl-aħmar u par għajnejn lewn iż-żebbuġ. Karl mill-ewwel resqilha u offrielha siġġu waqt li għamel sinjal lil sħabu bħallikieku ried jgħidilhom li kienu se jgħaddu siegħa żmien magħha 'l din. Marius kien inġibed u qalilhom li ma tantx kienet qed togħġbu l-biċċa xogħol u qalilhom biex ma jagħmlux ħmerijiet.

Jiftakar li hu u Karl ippruvaw ikellmuha b'diversi lingwi. Ma tkellmitx u bdiet tħares minn wieħed għall-ieħor. Karl ma daħakx aktar u Marius qam minn fejn kien u resaq 'il bogħod. Reġa' wissiehom biex ma jagħmlux ħmerijiet u li din setgħet ġiet mibgħuta minn xi ħadd. It-tfajla qabdet id Karl u bdiet taqraha. Imbagħad telqithielu b'sabta fuq il-mejda. Lilu ma qratlux idejh. Lilu qabditlu jdejh it-tnejn u ġibditu lejha. Sammret għajnejha kważi ħodor f'tiegħu u qajmitu minn fejn kien. Beda jisma' 'l sħabu jgħajtulu imma ma riedx jaf. Is-seħer tagħha kien bil-wisq aktar b'saħħtu.

Qam f'appartament kollu taqlib fuq sodda li mad-daqqa t'għajn qatt ma tinfirex. Ma ftakarx kif kien sab ruħu hemm. Ħass rasu ddur bih. Ma kienx jaf x'għadda mingħalih. Lanqas lilha ma sab hemm. Ħwejġu kienu gozz fl-art. Ried jilbes ma jdumx u jilħaq lil sħabu. Kif qabad u telaqhom lill-oħrajn? Binhar

jikxiflek il-bluha li tkun għamilt il-lejl ta' qabel. X'fettillu? U issa fejn kien se jsibhom? Fittex fil-bwiet. Flusu kienu għadhom hemm. Jipprova jaqbad taxi għal-lukanda. Jipprova jinsa fejn sab ruħu. Ma kien jaf xejn fuqha 'l dit-tfajla. Setgħet ġietu agħar. Imma kif għażlet lilu? U allura qabdet u telqitu hekk? Mank stennietu jistejqer, iħossha ħdejh? Ittih ħjiel ta' x'seta' ġara bejniethom. Ma jafx kif libes jew jekk il-flokk libsux ta' wara quddiem. Jaf biss li ried jaħrab minn hemm. Barra l-bieb sema' min jillitika u l-ilħna bdew jogħlew. Stenna ftit sakemm jikkalmaw l-affarijiet. Min kienu, sħabha? X'seta' jiġri minnu jekk jarawh ħiereġ mingħandha? Ma kien jaf xejn dwar dal-post.

Xħin ma sema' xejn aktar resaq lejn il-bieb iżda fuq siġġu taħt xi lbies mitfugħ kif ġie ġie lemaħ żewġ pupazzi tal-injam mitluqin għal tulhom bl-ispag mgħaqqad. Qabadhom bejn idejh. Il-pupazza kellha xagħarha nnukklat bħal tat-tfajla u par għajnejn impittrin lewn iż-żebbuġ. Kellha libsa mċerċra fuqha. Ma jiftakarx x'kienet liebsa t-tfajla. Imma l-pupazz qanqallu l-iktar kurżità. Kien liebes bħalma kien liebes hu. Flokk griż u *jeans*. Ma kellux wisq ħin x'jaħli f'ħafna ħsibijiet u teoriji. Ried jeħles jitlaq minn hemm. Dak l-appartament kien qed jinten b'arja staġnata u umda. Imma 'l dawn il-pupazzi joħodhom miegħu. Ma kienx jaf għaliex ried joħodhom imma donnhom stednuh huma biex joħodhom miegħu. Dak li jiġri kultant meta tkun għamilt xi ħaġa li xtaqt li qatt ma ġrat. Tkun trid iżżomm rikordju biex ifakkrek f'dak li tkun tixtieq tinsa.

Biż-żmien il-pupazzi ħaduh taħt idejhom. Għamluh dilettant tagħhom u beda jaħdimhom hu stess. Iwellidhom ġo moħħu u joħloqhom b'idejh. Kien jaf lil dawn il-ħlejjaq kollha bl-isem li kien itihom. Jitkellem magħhom u jsawrilhom l-istejjer tagħhom. Kollha b'karattru uniku. Lil Karl u 'l Marjus ma tantx baqa' jarahom. Kulħadd kien qabad triqtu mid-dehra u kull meta kien jipprova jċemplilhom kienu dejjem mgħaġġlin jew imħabbtin. Ġieli ħaseb li kienu qed jiskartawh. Imma, le, forsi kienet kollha immaġinazzjoni tiegħu. Minn dejjem kienu jinkuh li missu ntefa' jikteb xi ktieb tal-fantaxjenza. Karl ta'spiss kien jgħidlu li moħħu kien jiġri bih u li l-immaġinazzjoni tiegħu ma kellhiex limitu. U li kieku tah ċans jgħidlu li kien qed jaħseb biex jarma teatru tal-pupazzi kien żgur li jippruvalu li kellu raġun. Beda jsejjaħ lilu nnifsu l-Mastru. Hekk bdew jafuh in-nies tal-bliet li kien iżur. Il-Mastru tal-pupazzi.

Beda jarma f'bosta postijiet. Ġieli bagħat kartolina lil ħbiebu imma qatt ma rrispondewh lura. Iż-żmien ibiddel ħafna xorti u ħbieb antiki kultant jiġrilhom

bħall-kurrenti tal-ibħra. Jinġarru 'l bogħod minnek u lilek iħalluk tħares fuq ix-xatt. Issa dawn il-kreaturi li jobdu biċċa spaga kienu saru ħbiebu, b'mod speċjali Kika u Rinu. Anke isimhom tahulhom hu. Kien joqogħdilhom. Almenu kienu jħarsu f'għajnejh meta jkellimhom. Kienu jfakkruh fiha, f'ħarsitha. Xtaq jistaqsihom x'kienu raw. X'kien ġara dak il-lejl. Huma biss setgħu jgħidulu. Qatt ma ddispjaċieh li ħadhom miegħu. Forsi hi ħallithomlu hemm biex joħodhom. Turih li ma kinitx fantażma. Jew forsi riedet taljenah. Tnessih. Imma xiex? Għadda bosta ljieli b'għajnejh miftuħin u mberrqin bħall-ħlejjaq li jobdu l-ispag. Tqalleb f'soddtu jipprova jiftakar x'kien għadda minnu, xi ntqal, xi ħsejjes seta' sema' barra l-bieb tal-appartament gabuba. Lill-pupazzi kien iraqqadhom f'kamartu. Kienu jħallmuh b'battuti ġodda, b'xeni u sekwenzi. Iżda l-passat żammewhulu mistur wara dawk l-għajnejn impittrin li kultant kien iħosshom qed jgħadduh biż-żmien.

U llum kien imissu wirja oħra. Din tal-aħħar, ħaseb, għada nżarma u nitlaq bħall-Erbgħa fost il-ġimgħa. Ma jarawnix aktar. Ma kienx mument li ġab il-permess għal dir-rokna tat-triq. Kienu qalulu li hawn qatt ma jiġri xejn. Imma għall-bidu li ġie kien dabbar kemxa. It-tfal baqgħu jiġu. Imm'issa kien wasal iż-żmien li jitlaq. Kollox jibda jindara. Imur xi mkien ieħor. Imma kemm se jdum idaħħak? Xi mkien ġdid jista' jerġa' jagħmel l-istess wirja. Jerġa' jlibbishom l-istess kostumi. U seta' jeħles minn dik it-tifla li kienet tiġi liebsa bi lbies bħal ta' Kika. Issa kienet bdiet tbeżżgħu. X'riedet? Ikellimha? Minn xiex kien qed jibża', mhux naqra ta' tifla? Forsi m'għandhiex ħbieb. M'għandhiex min jieħu ħsiebha. Ftakar li qatt ma raha sejra lura ma' xi ħadd. Kienet tisparixxi. Forsi għax kien ikun medhi mat-tfal l-oħra li wara li tispiċċa l-wirja kienu jkunu jridu jmissu l-pupazzi u hu kien ikollu jkompli jilgħab il-parti ftit ieħor u jibqa' jkellimhom minn ġol-kaxxa. U aktarx li kien jagħmel hekk biex ma joqogħdux jilagħbu magħhom iżżejjed u jqattgħulhom il-kostumi jew joborxuhom.

Illum lil Kika libbisha kapott iswed bil-bizzilla fl-għonq. Xejn speċjali. Kien xtara biċċa nforra tas-satin irħisa u ħadmilha kostum. Libbisha beritta sewda b'rixa bajda fil-ġenb bħal dawk li jilbsu l-paġġi. Lil Rinu xiddlu biċċa xkora u beritta tal-gabillotti.

"Rin, illum trid taqla' l-parti" beda jwissih. "Kun lest li taqla' bil-bastun ta' Kika. U int u taqla' trid togħtor u tingħi. Hekk iriduk. U aktar ma taqla' aktar jgħajtulek u jċapċpulek."

Rinu qatt ma merieh. Kien jibqa' jħares fiss f'għajnejh. Jisfidah. Imma fl-aħħar tar-reċta, mibrux u mimli skaldi, kien joħorġu ta' nies.

"U int sabiħa tiegħi, se taqla' l-parti bi ġmielek. Kulħadd ikollu joqgħod għal li tgħid int. Se ġġibli fortuna." Biesha fuq ħaddejha u kompla jmellisha. Xtaqhom ikellmuh lura dawk l-għajnejn. Kultant ġieli għadda mingħalih li b'xi mod qed ikellmuh b'lingwa li ma seta' qatt jifhem.

Ma damux ma nġabru ċorma tfal, hekk kif raw it-teatru jintrama. Min jimbotta, min isejjaħ lill-pupazzi. U xħin ħareġ Rinu jiġri, semagħhom ifaqqgħu d-daħk. Hekk, Rinu, kompli sejjer hekk. Lil Kika riedha toħroġ bil-kbir u hekk kif tfaċċat, iċ-ċorma nfexxet iċċapċpilha. Kemm kien kburi biha. F'ħin minnhom iħoss idejh jiksħu u subgħajh jibbiesu. Minn fejn kien fid-dalma jara lilha ... lit-tifla tal-wiċċ pallidu ... liebsa skur. Kellha kapott iswed. Drapp fin u jqum il-flus. Libbsuha beritta f'rasha kif kienet liebsa Kika b'rixa bajda fil-ġenb. Ħass ilsienu jeħel u mat-tlaqliq tiegħu t-tfal iktar jidħku u jgħajtu. Rinu beda jaqla' bl-addoċċ u Kika bdiet tiġbed iktar bis-saħħa. Xtaq jerħi ftit l-ispag iżda beda jħossu qed jiġmagħlu d-demm. Iż-żewġ pupazzi bdew żifna msaħħra, iduru kontra xulxin. Il-Mastru ħass l-ispag jagħfas m'għonqu, jitgħaqqad ma' subgħajh li issa bdew inemnmu. Ma setax jieħu nifs. Minn wara l-purtiera par għajnejn lewn iż-żebbuġ kienu qed iħarsu f'tiegħu u għall-ewwel darba raha titbissem. In-nifs beda jonqos. Ipprova jiġbed l-ispag iżda l-pupazzi kienu wisq b'saħħithom għalih. Kaxkruh u komplew bir-reċta tagħhom. Kienu qed jieħdu gost jaħdmu l-parti. Iċ-ċorma miġbura werżqet ewforika u t-tifla tal-kapott iswed werżqet mal-folla.

Ipprova jgħajjat għall-ajjut imma minn fommu ma seta' joħroġ xejn. Mit-triq instema' għajjat, twerżiq sfrenat, daħk li kompla faga l-isforzi tal-Mastru biex jipprova jinstema'. Kika ħadet rajha f'idejha u ħadmet il-parti bħallikieku kienet ilha titħarreġ fiha. Daret kemm felħet ma' Rinu. U Rinu kompla magħha f'sintonija u ritmu sfrenat. Il-Mastru xtaq iħoll l-irbit li issa beda joħonqu. Rasu saħnet. Beda jipprova jitkarrab liż-żewġ pupazzi biex jieqfu iżda sema' bħal daħka mill-bogħod. Ingħad kliem li ma setax jifhmu. Kliem b'lingwa oħra. Minn fejn kien, ħass lil Kika għaddejja biż-żifna tagħha. Riedet tfakkru fiż-żifna li żifnet it-tfajla f'dik il-lejla u fil-ħarsa t'għajnejha hi u ddur miegħu. F'dik il-lejla kien ħallieha tistordih sakemm ħassu ħafif u bla saħħa. Il-pupazzi ddieħku bih ... dik id-daħka siekta mpittra għal dejjem fuq wiċċhom. Ħabbtu rashom ma'

xulxin, tgħaqqdu u t-tnejn waqgħu fuq barra. L-ispag issikka aktar m'għonq il-Mastru sakemm ċarċar id-demm. Għajnejh qabżu 'l barra u siket għalkollox.

Filgħodu nġabret folla madwar it-teatru tal-pupazzi. Ħadd ma kien qed jidħak u jwerżaq. Żewġ pulizija bdew jippruvaw iressqu n-nies 'il bogħod. Kien hemm min kien qed jipprova jgħid x'seta' ġara. Min qal li l-Mastru seta' tah attakk tal-qalb. Oħrajn bdew jargumentaw li kien kollu tort tal-għeja u li messu kien ilu li żarma. Iżda xi ħadd qal li l-Mastru kien liebes xkora bħal wieħed mill-pupazzi tiegħu.